**Problemi li jista' jkollok b'IONSYS**

Kull IONSYS huwa ddisinjat biex jagħti sa 80 doża ta' 10 minuti ta' fentanyl fuq perjodu ta' 24 siegħa. It-tabella ta' hawn taħt tirrappreżenta l-messaġġi ta' żball differenti li jistgħu jseħħu, flimkien mal-kawża probabbli u l-azzjoni li għandha tittieħed.

| Messaġġ ta' żball/rispons | Kawża probabbli | Azzjoni meħtieġa |
|---|---|---|
|  | Batterija baxxa jew sistema difettuża | 1. Tużax is-sistema.<br>2. Armi s-sistema skont il-Ħames Pass - Tneħħija u Rimi ta' IONSYS.<br>3. Waħħal sistema ġdida fuq sit tal-ġilda ġdid. |
|  | Kuntatt ħażin mal-ġilda | 1. Jekk IONSYS jidher li huwa maħlul jew li qed jinqala' mill-ġilda, waħħlu mal-ġilda tal-pazjent billi tagħfas it-truf bis-saħħa jew billi tapplika tejp mhux allerġeniku.<br>2. Jekk qed tuża t-tejp, applikah tul it-truf tas-sistema IONSYS, tgħattix il-buttuna tad-dożaġġ jew id-displej.<br>3. Jekk is-sistema terġa' ddoqq, neħħi u armi s-sistema, u waħħal sistema ġdida fuq sit tal-ġilda differenti. |
|  | Żball tas-sistema | 1. Neħħi s-sistema mill-pazjent.<br>2. Żomm il-buttuna tad-dożaġġ sakemm il-ħoss jieqaf u ma jidher xejn fuq id-displej.<br>3. Armi s-sistema skont il-Ħames Pass - Tneħħija u Rimi ta' IONSYS.<br>4. Waħħal sistema ġdida fuq sit tal-ġilda ġdid. |
|  | Tmiem ta' użu wara 24 siegħa jew 80 doża | 1. Neħħi s-sistema mill-pazjent.<br>2. Żomm il-buttuna tad-dożaġġ 'l isfel sakemm ma jidher xejn fuq id-displej.<br>3. Armi s-sistema skont il-Ħames Pass - Tneħħija u Rimi ta' IONSYS.<br>4. Waħħal sistema ġdida fuq sit tal-ġilda ġdid. |

Jekk tkun suspettata ħsara jew funzjoni ħażina fl-apparat minn professjonista fil-kura tas-saħħa, IONSYS għandu jitneħħa mill-pazjenti u The Medicines Company tiġi kkuntattjata minnufih. Il-professjonista fil-kura tas-saħħa għandu jiżgura li l-pazjent jifhem li jekk jissuspetta ħsara jew funzjoni ħażina fl-apparat, dan għandu jinforma lil professjonista fil-kura tas-saħħa immedjatament.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat